IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.10.2019
COM(2019) 552 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL**

**L-Għoxrin Rapport tal-Progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina**

MT MT

# I. DAĦLA

Dan huwa l-għoxrin rapport dwar il-progress ulterjuri li sar lejn il-bini ta' Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina u li jkopri l-iżviluppi taħt żewġ pilastri ewlenin: l-indirizzar tat-terroriżmu u tal-kriminalità organizzata u l-mezzi li jappoġġawhom; u t-tisħiħ tad-difiżi tagħna u l-bini ta' reżiljenza kontra dan it-theddid.

Is-sigurtà kienet fost l-ogħla prijoritajiet tal-Kummissjoni Juncker sa mill-bidu nett. Filwaqt li tibni fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà ta' April 2015[1] u l-Komunikazzjoni ta' April 2016 li wittew it-triq lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina[2], l-UE wieġbet b'approċċ ikkoordinat għal sensiela ta' attakki terroristiċi u sfidi oħra għas-sigurtà li dejjem qed jiżdiedu, u għamlet progress sinifikanti fit-titjib tas-sigurtà kollettiva tagħna[3]. Sar dejjem aktar ċar li l-isfidi tas-sigurtà tal-lum — jekk ikunx it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, l-attakki ċibernetiċi, id-diżinformazzjoni jew theddidiet ċibernetiċi oħra — huma theddidiet komuni. Huwa biss billi naħdmu flimkien li nistgħu niksbu l-livell ta' sigurtà kollettiva li ġustament iċ-ċittadini tagħna jitolbu u jistennew. Dan il-fehim kondiviż kien il-bażi għall-progress li sar lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina. Xprunat mill-ħtiġijiet tal-awtoritajiet nazzjonali li jaħdmu biex iżommu liċ-ċittadini sikuri, l-appoġġ fil-livell tal-UE ffoka fuq miżuri leġislattivi u operazzjonali fejn azzjoni konġunta jista' jkollha impatt fuq is-sigurtà tal-Istati Membri. Din il-ħidma twettqet b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u bi trasparenza sħiħa lejn il-pubbliku inġenerali. Ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali kien fil-qalba ta' din il-ħidma, peress li s-sigurtà tal-Unjoni tista' tiġi żgurata biss meta ċ-ċittadini jkollhom fiduċja li d-drittijiet fundamentali tagħhom jiġu rispettati bis-sħiħ.

L-UE ħadmet biex **tiġġieled it-terroriżmu** billi tagħlaq l-ispazju li fih joperaw it-terroristi, b'regoli ġodda li jagħmluha aktar diffiċli għalihom biex jaċċessaw splussivi, armi tan-nar u finanzjament, u li jirrestrinġu l-movimenti tagħhom. L-UE intensifikat **l-iskambju ta' informazzjoni** biex tipprovdi lil dawk l-aktar esposti, lill-uffiċjali tal-pulizija u lill-gwardji tal-fruntiera, b'aċċess effiċjenti għal *data* preċiża u kompleta, bl-aħjar użu minn informazzjoni eżistenti u billi jingħalqu l-lakuni u punti mhux viżibbli. Il-protezzjoni b'saħħitha tal-fruntieri esterni hija prekundizzjoni għas-sigurtà fl-ispazju ta' moviment liberu mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. F'Marzu 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim dwar **Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta** msaħħa u mgħammra b'mod sħiħ u r-Regolament il-ġdid huwa mistenni li jidħol fis-seħħ kmieni f'Diċembru 2019. L-UE pprovdiet pjattaforma u finanzjament għal dawk li jaħdmu f'komunitajiet lokali biex jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar **il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti**, kif ukoll biex tipproponi regoli ġodda biex b'mod effettiv jitneħħa l-kontenut terroristiku online. L-appoġġ tal-UE għen biex **il-bliet isiru aktar reżiljenti** kontra attakki, bi pjanijiet ta' azzjoni li jappoġġaw il-protezzjoni ta' spazji pubbliċi u li jtejbu l-istat ta' tħejjija kontra riskji ta' sigurtà kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari. L-UE indirizzat iċ-**ċibersigurtà u t-theddid bl-użu tal-internet**, billi stabbiliet strateġija ġdida tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà u adottat leġislazzjoni rilevanti, u indirizzat id-**diżinformazzjoni** biex tipproteġi aħjar l-elezzjonijiet tagħna. Il-ħidma tkompli ssaħħaħ is-sigurtà **tal-infrastruttura diġitali kritika** tagħna, inkluża l-kooperazzjoni msaħħa dwar iċ-**ċibersigurtà tan-networks**

1 COM(2015) 185 finali (28.4.2015).
2 COM(2016) 230 finali (20.4.2016).
3 Għal rapporti ta' progress preċedenti lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina ara: https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/european-agenda-security/legislative-documents_en.

**5G** fl-Ewropa kollha.

Għad fadal aktar xi jsir. L-attakk imxandar live kontra sinagoga u l-qtil ta' żewġ ċittadini f'Halle, fil-Ġermanja fid-9 ta' Ottubru 2019 kien tfakkira xokkanti tat-theddida kkawżata mill-estremiżmu vjolenti tal-lemin u l-anti-Semitiżmu. Enfasizza wkoll għal darb'oħra l-abbuż li jsir mill-internet għall-propaganda terroristika u għalhekk **il-ħtieġa għal regoli li japplikaw għall-UE kollha għat-tħassir tal-kontenut terroristiku online**. Il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tas-7–8 ta' Ottubru 2019 ddiskuta l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu tal-lemin, u enfasizza l-ħtieġa ta' aktar ħidma inkluż fejn tidħol il-ġlieda kontra t-tixrid ta' kontenut estremist illegali tal-lemin online u offline. Fl-istess ħin, il-qtil ta' tliet uffiċjali tal-pulizija u membru tal-persunal ieħor fil-kwartieri ġenerali tal-pulizija ta' Pariġi fit-3 ta' Ottubru 2019 juri li t-theddida mit-terroriżmu ġiħadista għadu reali, u li jeħtieġ li jitkomplew l-isforzi li għaddejjin biex l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-indirizzar ta' din it-theddida. Il-ħarba tal-priġunieri membri ta' ISIS/Da'esh fil-kuntest ta' avvenimenti reċenti fit-Tramuntana tas-Sirja jista' jkollha impatt serju fuq is-sigurtà fl-Ewropa. Huwa importanti li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mis-sistemi ta' informazzjoni eżistenti biex jidentifikaw ġellieda terroristi barranin meta jaqsmu l-fruntieri esterni. Għaddejja wkoll ħidma dwar l-użu ta' informazzjoni mill-kamp tal-battalja għall-prosekuzzjoni ta' ġellieda terroristi barranin.

Dan ir-rapport jippreżenta l-progress li sar dan l-aħħar fil-ħidma lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina, b'enfasi fuq l-oqsma fejn hija meħtieġa aktar azzjoni. Jipprovdi aġġornament dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri maqbula dwar **iċ-ċibersigurtà tan-netwerks 5G**, b'mod partikolari dwar ir-Rapport dwar il-**Valutazzjoni tar-Riskju tal-UE** ppubblikat fid-9 ta' Ottubru 2019, u dwar il-**ġlieda kontra d-diżinformazzjoni**.

Dan ir-rapport jiffoka b'mod partikolari fuq id-**dimensjoni esterna** tal-kooperazzjoni fl-Unjoni tas-Sigurtà, bl-iffirmar ta' **żewġ arranġamenti bilaterali kontra t-terroriżmu** mal-Albanija u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u l-progress li sar fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sħab dwar l-iskambju tad-***data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri**. Barra minn hekk, flimkien ma' dan ir-rapport, il-Kummissjoni adottat talba għal awtorizzazzjoni għat-tnedija ta' negozjati għal ftehim bejn l-UE u **New Zealand** dwar l-iskambju ta' *data* personali fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu.

## II. IT-TWETTIQ TAL-PRIJORITAJIET LEĠISLATTIVI

### *1. Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni online u fil-komunitajiet*

Il-**prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni** tirfed ir-reazzjoni tal-Unjoni għat-theddid tat-terroriżmu. F'dak ir-rigward, l-internet kien l-aktar kamp ta' battalja sinifikanti għall-azzjoni tat-terroristi fis-seklu 21. L-ispazji fejn l-individwi radikalizzati jkunu jistgħu jikkomunikaw u jaqsmu l-kontenut jippermettu l-iżvilupp ta' netwerks globali dejjem jespandu ta' estremisti vjolenti kemm ġiħadisti kif ukoll tal-lemin. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni qed tkompli bl-approċċ doppju tagħha kontra r-radikalizzazzjoni online fejn ir-regoli proposti dwar it-tneħħija ta' kontenut terroristiku illegali online għandhom isaħħu s-sħubija volontarja ma' pjattaformi online.

Essenzjali għal dan hija l-**proposta leġislattiva biex jiġi evitat it-tixrid ta' kontenut terroristiku online**, b'regoli u salvagwardji ċari li jagħmluha obbligatorja li l-pjattaformi tal-internet ineħħu kontenut terroristiku fi żmien siegħa minn meta tasal talba motivata mill-

awtoritajiet kompetenti, u li jieħdu miżuri proattivi proporzjonati mal-livell ta' espożizzjoni għal kontenut terroristiku[4]. Għadhom għaddejjin negozjati interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u l-ewwel laqgħa ta' trilogu saret fit-17 ta' Ottubru 2019. Minħabba t-theddida ppreżentata minn kontenut terroristiku online, il-Kummissjoni tappella lill-koleġislaturi biex jilħqu ftehim dwar il-leġislazzjoni proposta sa tmiem l-2019.

Il-leġislazzjoni proposta tikkumplimenta s-sħubija volontarja mal-industrija tal-internet u partijiet interessati oħra li qed tifforma fil-**Forum tal-UE dwar l-Internet**. Sa mill-ħolqien tiegħu fl-2015, kien katalist biex il-kumpaniji tal-internet jaġixxu b'mod proattiv biex jidentifikaw u jneħħu kontenut terroristiku online, u witta t-triq għall-inizjattiva mmexxija mill-industrija ta' "bażi ta' *data* kondiviża ta' hashes" [5]u l-ħolqien tal-Forum Globali tal-Internet għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu. L-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet, parti mill-aġenzija tal-infurzar tal-liġi tal-UE, il-Europol, kienet strumentali fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' kumpaniji tal-internet u tikkontribwixxi għall-għanijiet ġenerali tal-Forum tal-UE dwar l-Internet. Fl-aħħar laqgħa Ministerjali tal-Forum tal-UE dwar l-Internet fis-7 ta' Ottubru 2019, l-Istati Membri tal-UE u r-rappreżentanti għolja tal-kumpaniji tal-internet impenjaw ruħhom biex jikkollaboraw taħt l-hekk imsejjaħ **Protokoll ta' Kriżi tal-UE**. Il-Protokoll ta' Kriżi tal-UE jidentifika l-limiti għal kooperazzjoni msaħħa u jistabbilixxi modi ġodda biex titjieb ir-reazzjoni għal kriżi. Dan huwa parti mill-isforzi fil-livell internazzjonali biex tiġi implimentata s-"Sejħa għal Azzjoni ta' Christchurch"[6], li tfittex li tiżgura reazzjoni kkoordinata u rapida biex jitrażżan it-tixrid ta' kontenut terroristiku virali jew estremist vjolenti online.

Lil hinn minn dawn il-miżuri kontra r-radikalizzazzjoni online, il-Kummissjoni tkompli tappoġġa l-isforzi fil-livell nazzjonali u lokali għall-**prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni fuq il-post**. Filwaqt li tibni fuq l-abbundanza ta' esperjenza u kompetenza miġbura fin-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni, l-UE toffri appoġġ immirat għal atturi lokali inklużi bliet[7], u tipprovdi opportunitajiet għal skambju bejn prattikanti, riċerkaturi u dawk li jfasslu l-politika. Pereżempju, in-netwerk ħareġ gwida speċifika u organizza sessjonijiet ta' ħidma biex jappoġġja lill-awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw ma' tfal li ġew minn żoni ta' kunflitt[8]. Biex tiżgura l-kontinwità tal-attivitajiet imwettqa fin-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni, il-Kummissjoni nediet il-proċedura għal kuntratt qafas ġdid għal valur stmat ta' EUR 61 miljun fuq perjodu ta' erba' snin, li jibda fl-2020[9].

4 COM(2018) 640 finali (12.9.2018).

5 Għodda stabbilita minn konsorzju ta' kumpaniji biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' kontenut terroristiku bejn il-pjattaformi.

6 F'risposta għall-attakki fi Christchurch, fi New Zealand fil-15 ta' Marzu 2019, il-President Franċiż Emmanuel Macron u l-Prim Ministru tan-New Zealand Jacinda Ardern stiednu Mexxejja u pjattaformi online f'Pariġi fit-15 ta' Mejju 2019 biex iniedu s-"Sejħa għal Azzjoni ta' Christchurch". Il-President Juncker appoġġa s-sejħa u ħabbar l-iżvilupp ta' protokoll ta' kriżi tal-UE.

7 Għall-kooperazzjoni mal-bliet dwar is-sigurtà, ara wkoll it-taqsima V.2 dwar it-theddija u l-protezzjoni u b'mod partikolari dwar il-protezzjoni ta' spazji pubbliċi.

8 https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/networks/radicalisation_awareness_network/ran-papers/docs/issue_paper_child_returnees_from_conflict_zones_112016_en.pdf

9 Il-kuntratt qafas jinqasam f'żewġ lottijiet: EUR 29,000,000 f'appoġġ għall-attivitajiet tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni għall-erba' snin li ġejjin u EUR 32,000,000 biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, u pajjiżi terzi ta' prijorità biex

**Sabiex tiġi miġġielda t-theddida ppreżentata minn kontenut terroristiku online, il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:**

- biex jikkonkludu n-negozjati dwar il-proposta leġislattiva biex jevitaw it-tixrid ta' **kontenut terroristiku online** qabel tmiem is-sena.

2. *Sistemi ta' informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni*

L-UE intensifikat l-iskambju ta' informazzjoni, biex l-indirizzar tal-frodi tal-identità jsir iktar faċli[10], jissaħħu l-verifiki fil-fruntiera[11], jiġu mmodernizzati l-bażijiet ta' *data* tal-infurzar tal-liġi fl-Ewropa[12], jingħalqu l-lakuni fl-informazzjoni[13] u tiġi rrinfurzata l-aġenzija tal-infurzar tal-liġi tal-UE, il-Europol[14]. Ċentrali għal dan hija **l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE**[15], li tirriżulta fl-aħjar użu mill-informazzjoni eżistenti u jingħalqu l-lakuni. B'reazzjoni għall-ħtiġijiet ta' dawk li jaħdmu fuq quddiem nett, l-interoperabbiltà se twassal għal aċċess aktar rapidu u aktar sistematiku għall-informazzjoni għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, għall-gwardji tal-fruntieri u għall-uffiċjali tal-migrazzjoni, biex b'hekk tikkontribwixxi għat-titjib tas-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-fruntieri.

Madankollu, l-interoperabbiltà u l-innovazzjoni kollha li tinvolvi se jagħmlu differenza biss għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni fuq il-post jekk kull Stat Membru jimplimenta bis-sħiħ il-leġislazzjoni relatata. Dan huwa għala l-**implimentazzjoni** tal-interoperabilità hija prijorità ewlenija fl-Unjoni tas-Sigurtà, kemm fil-livell politiku kif ukoll

---

b'mod effettiv jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni b'mod partikolari billi jiġu offruti opportunitajiet ta' networking, servizzi mmirati u mmexxija mill-ħtiġijiet, u riċerka u analiżi.

[10] Ir-Regolament (UE) 2019/1157 (20.6.2019) dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu.

[11] L-introduzzjoni ta' kontrolli sistematiċi mwettqa fil-fruntieri esterni fuq iċ-ċittadini kollha li jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. L-Istati kollha ta' Schengen, kif ukoll ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Kroazja u Ċipru, japplikaw ir-regoli dwar kontrolli sistematiċi ma' bażijiet ta' *data* rilevanti fil-fruntieri esterni, kif introdotti f'April 2017. F'konformità ma' dawn ir-regoli, huma possibbli derogi temporanji fil-fruntieri tal-art jew tal-baħar iżda biss fir-rigward taċ-ċittadini tal-UE, fid-dawl tal-impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku. Bħalissa, derogi bħal dawn ġew innotifikati minn sitt Stati Membri/Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen (il-Kroazja, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Latvja, in-Norveġja u s-Slovenja). Fir-rigward tal-fruntieri tal-ajru, il-possibbiltà ta' deroga mir-regoli dwar kontrolli sistematiċi skadew f'April 2019.

[12] Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni Schengen imsaħħa (ir-Regolament (UE) 2018/1860 (28.11.2018), ir-Regolament (UE) 2018/1861 (28.11.2018), ir-Regolament (UE) 2018/1862 (28.11.2018)) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali estiża għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (ir-Regolament (UE) 2019/816 (17.4.2019)). It-tisħiħ tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen jinkludi obbligu ġenerali li jiddaħħlu allerti relatati mat-terroriżmu fis-sistema.

[13] Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tal-UE (ir-Regolament (UE) 2017/2226 (30.11.2017)) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ir-Regolament (UE) 2018/1240 (12.9.2018) u r-Regolament (UE) 2018/1241 (12.9.2018).

[14] F'dawn l-aħħar snin, ir-rwol tal-Europol ġie msaħħaħ b'mod konsiderevoli kemm fl-ambitu kif ukoll fil-profondità. L-Aġenzija ssaħħet bl-adozzjoni tar-Regolament Europol fl-2016 (ir-Regolament (UE) 2016/794 (11.5.2016). L-Istati Membri żiedu b'mod sinifikanti l-ammont ta' informazzjoni kondiviża mal-Europol u permezz tagħha. L-istabbiliment taċ-Ċentru Kontra t-Terroriżmu tal-Europol (ECTC) saħħaħ il-kapaċitajiet analitiċi tal-Europol f'każijiet ta' terroriżmu. Il-baġit tal-Europol żdied b'mod konsistenti matul dawn l-aħħar snin, minn EUR 82 miljun fl-2014 għal EUR 138 miljun fl-2019. In-negozjati dwar il-baġit għall-2020 għadhom għaddejjin.

[15] Ir-Regolament (UE) 2019/817 (20.5.2019) u r-Regolament (UE) 2019/818 (20.5.2019).

f'dak tekniku. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija tal-UE għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (eu-LISA) jappoġġaw lill-Istati Membri b'għarfien espert u l-iskambju tal-aħjar prattiki, bl-użu ta' netwerk ta' koordinaturi nazzjonali u bl-iżvilupp ta' scorecard biex ikunu jistgħu jsiru arranġamenti effettivi ta' monitoraġġ u koordinazzjoni. Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-aġenziji tal-UE, l-Istati Membri kollha u l-pajjiżi assoċjati ma' Schengen se tkun ta' importanza kbira sabiex jintlaħaq l-objettiv ambizzjuż li tinkiseb l-interoperabbiltà sħiħa tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni sal-2020.

Sadanittant, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għadhom iridu **jlestu l-ħidma leġislattiva** f'dan ir-rigward. Ftehim rapidu dwar il-proposti leġislattivi pendenti kollha huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-interoperabbiltà. L-ewwel nett, bħala parti mill-implimentazzjoni teknika tas-**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar**, hemm bżonn ta' emendi tekniċi għar-Regolamenti relatati[16] biex is-sistema tiġi stabbilita b'mod sħiħ. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew biex iħaffef il-ħidma tiegħu fuq dawn l-emendi tekniċi sabiex jinbdew in-negozjati interistituzzjonali malajr kemm jista' jkun. It-tieni, negozjati interistituzzjonali għadhom għaddejjin dwar il-proposta ta' Mejju 2018 biex tissaħħaħ u tiġi aġġornata s-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża** eżistenti[17]. Filwaqt li tibni fuq l-ewwel laqgħa ta' trilogu li saret fit-22 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni tappella liż-żewġ koleġislaturi biex jikkonkludu n-negozjati malajr kemm jista' jkun. It-tielet, għadu pendenti l-ftehim fuq il-proposta tal-Kummissjoni ta' Mejju 2016 biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-**Eurodac**[18] billi jinżammu mhux biss il-marki tas-swaba' u d-*data* rilevanti tal-applikanti għall-asil u ta' persuni maqbuda b'rabta ma' qsim irregolari tal-fruntiera esterna, iżda wkoll dawk ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali. It-tibdiliet proposti jestendu wkoll il-perjodu ta' ħażna tal-marki tas-swaba' u d-*data* rilevanti ta' dawk li jidħlu fl-UE b'mod irregolari. Il-Kummissjoni tappella lill-koleġislaturi biex jipproċedu għall-adozzjoni tal-proposta.

| **Sabiex jissaħħu s-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:** |
|---|
| • biex javvanzaw il-ħidma bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim rapidu dwar l-emendi tekniċi proposti li huma meħtieġa biex tiġi stabbilita s-**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar**.<br>• biex isiru n-negozjati dwar il-proposta biex tissaħħaħ is-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża** eżistenti u biex dawn jiġu konklużi malajr.<br>• biex jadottaw il-proposta leġislattiva dwar il-**Eurodac** *(Prijorità ta' Dikjarazzjoni Konġunta)*; |

3. *Għeluq tal-ispazji li fihom joperaw it-terroristi*

L-UE ħadet azzjoni soda biex tagħlaq l-ispazju li fih joperaw it-terroristi, b'regoli ġodda li jagħmluha aktar diffiċli għal terroristi u kriminali oħra biex jaċċessaw splussivi[19], armi tan-nar u finanzjament[20], u li jirrestrinġu l-movimenti tagħhom[21].

16 Ir-Regolament (UE) 2018/1240 (12.9.2018) u r-Regolament (UE) 2018/1241 (12.9.2018).
17 COM (2018) 302 finali (16.5.2018).
18 COM (2016) 272 finali (4.5.2016).
19 Ir-Regolament (UE) 2019/1148 (20.6.2019) dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi. Ir-Regolament daħal fis-seħħ fl-31 ta' Lulju 2019 u japplika sa 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

Biex issaħħaħ ir-rispons ġudizzjarju għat-terroriżmu, fl-1 ta' Settembru 2019 l-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) waqqfet **Reġistru Ewropew Kontra t-Terroriżmu**. Ir-reġistru se jiġbor informazzjoni ġudizzjarja biex jiġu stabbiliti rabtiet fi proċedimenti kontra persuni suspettati b'reati terroristiċi, u b'hekk isaħħaħ il-koordinazzjoni fost il-prosekuturi f'investigazzjonijiet kontra t-terroriżmu b'implikazzjonijiet transfruntiera potenzjali.

Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu appoġġati u ffaċilitati investigazzjonijiet f'każijiet transfruntiera, b'mod partikolari fir-rigward tal-**aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-evidenza elettronika**. Fir-rigward tal-proposti leġislattivi ta' April 2018 biex jittejjeb l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika fl-investigazzjonijiet kriminali[22], il-Parlament Ewropew għad irid jadotta l-pożizzjoni ta' negozjar tiegħu qabel ma l-koleġislaturi jkunu jistgħu jidħlu f'negozjati. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Parlament Ewropew biex javvanza din il-proposta leġislattiva sabiex il-koleġislaturi jkunu jistgħu jaħdmu lejn adozzjoni rapida. Abbażi tal-proposta tagħha għar-regoli interni tal-UE, il-Kummissjoni qed tinvolvi ruħha wkoll f'**negozjati internazzjonali** biex ittejjeb l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika. Fil-25 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Uniti kellhom l-ewwel ċiklu formali ta' negozjati dwar **Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika**. Ċiklu ieħor huwa skedat għas-6 ta' Novembru 2019. Fil-kuntest tan-negozjati li għaddejjin dwar **it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità**, il-Kummissjoni ħadet sehem f'isem l-Unjoni fi tliet sessjonijiet ta' negozjar f'Lulju, f'Settembru u f'Ottubru 2019. Filwaqt li sar progress tajjeb f'dawn in-negozjati, għadd ta' suġġetti ewlenin ta' interess sinifikanti għall-Unjoni għad iridu jiġu indirizzati, bħal salvagwardji għall-protezzjoni tad-*data*. In-negozjati tat-Tieni Protokoll Addizzjonali se jkomplu f'Novembru 2019 u matul l-2020. Huwa importanti li ż-żewġ negozjati jsiru malajr sabiex ikun hemm avvanz fil-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-kondiviżjoni tal-evidenza elettronika, filwaqt li tiġi żgurata l-kompatibbiltà mad-dritt tal-UE u mal-obbligi tal-Istati Membri, u jitqiesu wkoll l-iżviluppi futuri fil-liġi tal-UE.

F'riflessjoni tat-tħassib kontinwu dwar il-ħasil tal-flus, fid-19 ta' Settembru 2019 il-Parlament Ewropew adotta **Riżoluzzjoni dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni kontra l-ħasil tal-flus**[23], li jirrispondi għall-pakkett ta' erba' rapporti dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li l-Kummissjoni adottat fit-24 ta' Lulju 2019[24]. Il-Parlament Ewropew appella lill-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta u rapida tad-direttivi kontra l-ħasil tal-flus. Il-Parlament Ewropew talab ukoll lill-Kummissjoni biex tivvaluta jekk ikunx aktar xieraq li jsir regolament kontra l-ħasil tal-flus minflok Direttiva u biex tivvaluta l-

[20] Id-Direttiva (UE) 2019/1153 (11.7.2019) li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali.

[21] L-introduzzjoni ta' kontrolli sistematiċi mwettqa fil-fruntieri esterni fuq iċ-ċittadini kollha li jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

[22] COM(2018) 225 final (17.4.2018) u COM (2018) 226 final (17.4.2018).

[23] https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2019-0022_MT.html

[24] Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwaw is-suq intern u li huma relatati mal-attivitajiet transfruntiera (COM (2019) 370 final ta' 24.7.2019), Ir-rapport dwar l-interkonnessjoni ta' mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati nazzjonali (reġistri ċentrali jew sistemi ċentrali għall-irkupru ta' *data* elettronika) tal-Istati Membri dwar kontijiet bankarji (COM(2019) 372 final ta' 24.7.2019), Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-allegati każijiet reċenti ta' ħasil il-flus li jinvolvu istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE (COM(2019) 373 final ta' 24.7.2019), Ir-rapport li jivvaluta l-qafas għall-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (COM(2019) 371 final ta' 24.7.2019).

ħtieġa għal mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ għal unitajiet tal-intelligence finanzjarja.

| **Sabiex jitjieb l-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-evidenza elettronika, il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:** |
| --- |
| • biex jilħqu ftehim malajr dwar il-proposti leġislattivi dwar l-**evidenza elettronika** *(Prijorità ta' Dikjarazzjoni Konġunta)*. |

*4. It-tisħiħ taċ-ċibersigurtà*

It-tisħiħ taċ-ċibersigurtà jibqa' aspett ewlieni tal-ħidma lejn Unjoni tas-Sigurtà ġenwina u effettiva. Fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-UE tal-2017[25], l-Unjoni saħħet kemm ir-reżiljenza tagħha billi għamlet lilha nnifisha iktar diffiċli li tiġi attakkata u iktar faċli biex tirkupra, kif ukoll id-deterrenza tagħha billi żiedet iċ-ċans li dawk li jwettqu l-attakki jinqabdu u jiġu kkastigati, inkluż permezz ta' qafas għal rispons diplomatiku konġunt tal-UE għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi. L-Unjoni tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fiċ-ċiberdifiża, u timplimenta l-Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża.[26]

Bid-dħul fis-seħħ tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà[27] f'Ġunju 2019, qed jissawwar il-**qafas taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-UE**. Iċ-ċertifikazzjoni għandha rwol kritiku fiż-żieda tal-fiduċja u tas-sigurtà fil-prodotti u s-servizzi li huma kruċjali għas-Suq Uniku Diġitali. Il-qafas ta' ċertifikazzjoni se jipprovdi skemi ta' ċertifikazzjoni fl-UE kollha bħala sett komprensiv ta' regoli, rekwiżiti tekniċi, standards u proċeduri. Dan jinvolvi żewġ gruppi ta' esperti, jiġifieri l-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà li jirrappreżenta l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Grupp tal-Partijiet Interessati taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà li jirrappreżenta l-industrija. Dan tal-aħħar jgħaqqad flimkien kemm in-naħa tad-domanda kif ukoll dik tal-provvista ta' prodotti u servizzi tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, fornituri ta' servizzi diġitali, korpi Ewropej u internazzjonali ta' standardizzazzjoni, korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni, awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* u korpi ta' valutazzjoni tal-konformità.

Sadanittant, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għad iridu jilħqu qbil dwar l-inizjattiva leġislattiva[28] għal **Ċentru Ewropew tal-Kompetenza Industrijali, tat-Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni**. Il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni billi tistimula l-ekosistema taċ-ċibersigurtà industrijali u teknoloġika Ewropea kif ukoll tikkoordina u tiġbor ir-riżorsi relatati. Il-Kummissjoni tappella liż-żewġ koleġislaturi biex ikomplu u jikkonkludu malajr in-negozjati interistituzzjonali dwar din l-inizjattiva ta' prijorità biex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà.

Il-ħidma biex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà tinkludi appoġġ kemm għal-livelli nazzjonali kif ukoll

---

[25] JOIN(2017) 450 finali (13.9.2017).

[26] Il-Qafas ta' Politika għaċ-Ċiberdifiża tal-UE (aġġornament tal-2018) kif adottat mill-Kunsill fid-19 ta' Novembru 2018 (14413/18).

[27] Ir-Regolament (UE) 2019/881 (17.4.2019).

[28] COM(2018) 630 finali (12.9.2018).

reġjonali[29].

Lil hinn mit-theddid ċibernetiku li għandu fil-mira s-sistemi u d-*data*, l-UE tkompli tindirizza l-isfidi kumplessi u multidimensjonali kkawżati minn **theddid ibridu**. Fil-Kunsill, ġie stabbilit grupp ta' ħidma orizzontali dwar il-ġlied kontra t-theddid ibridu biex itejjeb ir-reżiljenza tal-UE u tal-Istati Membri tagħha kontra t-theddid ibridu u biex jappoġġa l-azzjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-kriżijiet tas-soċjetajiet. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jappoġġaw dawn l-isforzi taħt il-Qafas Konġunt tal-2016 dwar il-Ġlieda kontra t-Theddid Ibridu[30] u l-Komunikazzjoni Konġunta tal-2018[31] dwar iż-żieda tar-reżiljenza u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex jiġi indirizzat it-theddid ibridu. Barra minn hekk, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka qed jelabora qafas ta' "mudell kunċettwali" biex jikkaratterizza t-theddid ibridu, bil-għan li jgħin lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom jidentifikaw it-tip ta' attakk ibridu li jistgħu jiffaċċjaw. Il-mudell iħares lejn il-mod li bih attur (statali jew le) juża serje ta' għodod (minn diżinformazzjoni għal spjunaġġ jew operazzjonijiet fiżiċi) f'diversi oqsma (ekonomiċi, militari, soċjali, politiċi) biex jaffettwaw mira sabiex jiksbu sensiela ta' objettivi.

| **Sabiex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà, il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:** |
| --- |
| • biex jilħqu ftehim rapidu dwar il-proposta leġislattiva għal **Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni**. |

## III. IT-TISĦIĦ TAS-SIGURTÀ TAL-INFRASTRUTTURI DIĠITALI

In-netwerks tal-ħames ġenerazzjoni (5G) se jkunu s-sinsla futura ta' ekonomiji u soċjetajiet dejjem aktar diġitalizzati. Biljuni ta' oġġetti u sistemi konnessi huma kkonċernati, inkluż f'setturi kritiċi bħall-enerġija, it-trasport, il-banek, u s-saħħa, kif ukoll sistemi ta' kontroll industrijali li jkollhom informazzjoni sensittiva u sistemi ta' sostenn għas-sikurezza. Għalhekk, l-iżgurar taċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza tan-netwerks 5G huwa essenzjali.

Bħala parti minn approċċ koordinat, fid-9 ta' Ottubru 2019 l-Istati Membri ppubblikaw rapport dwar il-**valutazzjoni koordinata tar-riskju tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà f'netwerks 5G** bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Ewropea għaċ-Ċibersigurtà[32]. Dan il-pass kbir huwa parti mill-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' Marzu 2019 biex jiġi żgurat livell għoli ta' ċibersigurtà tan-netwerks 5G fl-UE kollha.[33] Ir-rapport huwa bbażat fuq ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju taċ-ċibersigurtà nazzjonali mill-Istati Membri kollha. Dan jidentifika t-theddidiet u l-atturi ewlenin tat-theddid, l-aktar assi sensittivi, il-vulnerabbiltajiet ewlenin (inklużi dawk tekniċi u tipi oħra ta' vulnerabbiltajiet) u

[29] Pereżempju, il-Kummissjoni tappoġġa sħubija ta' innovazzjoni interreġjonali dwar iċ-ċibersigurtà li tinvolvi l-Bretanja, Kastilja u León, Nordrhein-Westfalen, il-Finlandja Ċentrali u l-Estonja biex tiġi żviluppata katina Ewropea tal-valur taċ-ċibersigurtà b'enfasi fuq il-kummerċjalizzazzjoni u l-iskalar.

[30] JOIN(2016) 18 finali (6.4.2016).

[31] JOIN(2018) 16 finali (13.6.2018).

[32] Il-valutazzjoni tar-riskju kkoordinata tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà f'netwerks 5G tlestiet mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti kif stabbilit skont id-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni (id-Direttiva (UE) 2016/1148 (6.7.2016), bil-għajnuna tal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għaċ-Ċibersigurtà: https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/eu-wide-coordinated-risk-assessment-5g-networks-security.

[33] C(2019)2355 finali (26.3.2019).

għadd ta' riskji strateġiċi. Din il-valutazzjoni tipprovdi l-bażi biex jiġu identifikati miżuri ta' mitigazzjoni li jistgħu jiġu applikati fuq livell nazzjonali u Ewropew.

Ir-rapport jidentifika għadd ta' **sfidi importanti fil-qasam taċ-ċibersigurtà** li x'aktarx jidhru jew isiru aktar prominenti fin-netwerks 5G. Dawn l-isfidi ta' sigurtà huma prinċipalment marbuta ma' *innovazzjonijiet* ewlenin fit-teknoloġija 5G, b'mod partikolari l-importanza ta' softwer u l-firxa wiesgħa ta' servizzi u applikazzjonijiet li jistgħu jsiru permezz tal-5G, kif ukoll ir-rwol ta' *fornituri* fil-bini u t-tħaddim ta' netwerks 5G u l-grad ta' dipendenza fuq fornituri individwali. Dan ifisser li l-prodotti, is-servizzi u l-operazzjonijiet tal-fornituri jsiru dejjem aktar parti mis-"superfiċje tal-attakk" tan-netwerks 5G. Barra minn hekk, il-profil tar-riskju ta' fornituri individwali se jsir partikolarment importanti, inkluża l-probabbiltà li l-fornitur ikun soġġett għal interferenza minn pajjiż mhux tal-UE.

F'konformità mal-proċess stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' Marzu 2019, jenħtieġ li l-Istati Membri jaqblu sal-31 ta' Diċembru 2019 dwar **sett ta' għodod ta' miżuri ta' mitigazzjoni** biex jindirizzaw ir-riskji taċ-ċibersigurtà identifikati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna se jkomplu wkoll jiskambjaw ma' sħab tal-istess fehma dwar iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza tan-netwerks 5G. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tinsab f'kuntatt man-NATO dwar il-valutazzjoni koordinata tal-UE tar-riskju taċ-ċibersigurtà tan-netwerks 5G.

## IV. IL-ĠLIEDA KONTRA D-DIŻINFORMAZZJONI U L-PROTEZZJONI TAL-ELEZZJONIJIET KONTRA THEDDID IEĦOR MARBUT MAĊ-ĊIBERNETIKA

L-UE stabbilixxiet **qafas għal azzjoni koordinata kontra d-diżinformazzjoni**, b'rispett sħiħ għall-valuri Ewropej u d-drittijiet fundamentali[34]. Skont il-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni[35], tkompli l-ħidma biex jingħalaq l-ispazju għad-diżinformazzjoni, inkluż bil-ħsieb li tiġi protetta l-integrità tal-elezzjonijiet.

Ċentrali għal dan hija l-ħidma mal-industrija permezz tal-**Kodiċi ta' Prattika awtoregolatorja dwar id-Diżinformazzjoni** għal pjattaformi online u s-settur tar-reklamar li saru applikabbli f'Ottubru 2018[36]. Il-Kummissjoni vvalutat l-effettività tal-Kodiċi wara l-ewwel sena ta' operazzjonijiet tiegħu, abbażi ta' rapporti ta' awtovalutazzjoni annwali ppreżentati mill-pjattaformi online u l-firmatarji tal-Kodiċi l-oħrajn u ppubblikati fid-29 ta' Ottubru 2019 flimkien ma' Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni.[37] B'mod ġenerali, ir-rapporti juru sforzi serji mill-firmatarji biex jimplimentaw l-impenji tagħhom.

Azzjonijiet meħuda mill-firmatarji tal-pjattaformi jvarjaw f'termini ta' veloċità u kamp ta' applikazzjoni fil-ħames pilastri tal-impenji tal-Kodiċi. B'mod ġenerali, il-progress huwa aktar avvanzat fir-rigward tal-impenji relatati mal-elezzjoni Ewropea tal-2019, jiġifieri dwar it-tfixkil tar-reklamar u l-inċentivi ta' monetizzazzjoni għad-diżinformazzjoni (pilastru 1), li jiżguraw it-trasparenza tar-reklamar politiku u bbażat fuq kwistjonijiet (pilastru 2), u li jiżguraw l-integrità tas-servizzi kontra kontijiet u mġiba mhux awtentiċi (pilastru 3). Għall-kuntrarju, il-progress huwa inqas avvanzat jew nieqes fir-rigward tal-impenji li jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi (pilastru 4) u l-impenji biex jagħtu s-setgħa lill-komunità ta' riċerka, inkluż permezz tal-forniment ta' pjattaformi ta' aċċess rilevanti u li jirrispetta l-privatezza għal settijiet ta' *data* għal skopijiet ta' riċerka (pilastru 5). Hemm ukoll differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet imwettqa minn kull pjattaforma biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-impenji tagħhom kif ukoll differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-iskjerament tal-politiki individwali. Il-Kummissjoni tkompli taħdem mal-firmatarji tal-Kodiċi u ma' partijiet interessati oħra biex tintensifika l-azzjoni meħuda kontra d-diżinformazzjoni.

Skont il-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, stabbilew **Sistema ta' Twissija Bikrija** biex tindirizza l-kampanji ta' diżinformazzjoni. Is-Sistema ta' Twissija Rapida ppermettiet lill-Istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri li jaqsmu l-informazzjoni u l-analiżi qabel l-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew, u li jikkoordinaw ir-risponsi. Din il-ħidma intensifikat aktar wara l-elezzjonijiet, bi skambji fil-livell ta' ħidma għaddejjin fuq bażi ta'

34 Ara l-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni (JOIN (2018) 36 final (5.12.2018)).

35 JOIN (2019) 12 final (14.6.2019).

36 Skont il-Kodiċi, il-pjattaformi online Google, Facebook, Twitter, u Microsoft impenjaw ruħhom li jipprevjenu l-użu manipulattiv tas-servizzi tagħhom minn atturi, jipprovdu għat-trasparenza u l-iżvelar pubbliku tar-reklamar politiku, u jieħdu azzjonijiet oħra biex itejbu t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-affidabbiltà tal-ekosistema online. L-assoċjazzjonijiet kummerċjali mis-settur tar-reklamar impenjaw ruħhom ukoll li jikkooperaw mal-pjattaformi biex itejbu l-iskrutinju tal-kollokamenti tar-reklami u jiżviluppaw għodod għas-sikurezza tal-marka kummerċjali li għandhom l-għan li jillimitaw it-tqegħid tar-reklamar fuq siti web li jirrappurtaw id-diżinformazzjoni.

37 https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/statement_19_6166. Apparti minn Google, Facebook, Twitter u Microsoft, il-firmatarji l-oħra tal-Kodiċi jinkludu lil Mozilla, seba' assoċjazzjonijiet fil-livell Ewropew jew fil-livell nazzjonali li jirrappreżentaw is-settur tar-reklamar, u EDiMA, assoċjazzjoni Ewropea li tirrappreżenta l-pjattaformi u kumpaniji teknoloġiċi oħra attivi fis-settur online.

kuljum u tliet laqgħat tal-Punti ta' Kuntatt ta' Sistemi ta' Twissija Rapida organizzati minn Stati Membri differenti.

Pass prattiku ieħor biex tiġi identifikata d-diżinformazzjoni sar bil-ħidma tal-**Grupp għall-Komunikazzjoni Strateġika** ("StratComms"), u b'mod partikolari t-Taskforce Stratcom tal-Lvant, li kienet qed tmexxi l-proġett "EUvsDisinfo" li jissorvelja, janalizza u jirrispondi għal diżinformazzjoni favur il-Kremlin[38]. Sa mill-bidu tal-2019, l-ewwel baġit iddedikat ta' EUR 3 miljun għamilha possibbli li tiżdied u tiġi estiża din il-ħidma biex tinkludi l-monitoraġġ u l-analiżi tad-diżinformazzjoni favur il-Kremlin f'midja soċjali, xandir u fuq l-internet fi 19-il lingwa mill-Ingliż sas-Serb u l-Għarbi. L-għadd ta' attivitajiet ta' diżinformazzjoni esposti żdied b'aktar mid-doppju minħabba titjib fil-kapaċità ta' monitoraġġ, b'madwar 2000 każ ta' diżinformazzjoni sa issa fl-2019 meta mqabbla ma' 765 każ matul l-istess perjodu fl-2018. It-Taskforce Stratcom tal-Lvant kellha rwol vitali fil-monitoraġġ u fl-esponiment tad-diżinformazzjoni favur il-Kremlin li kienet immirata lejn l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019. Ir-riċerka kienet akkumpanjata minn kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar it-tentattiv ta' interferenza fil-proċessi elettorali madwar id-dinja. Is-sensibilizzazzjoni tagħha, imwettqa f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, irriżultat f'aktar minn 20 intervista fuq il-midja, filwaqt li l-kampanja kienet tinvolvi aktar minn 300 ġurnalist.

Il-Kummissjoni ħadet ukoll azzjoni biex **tnaqqas it-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-miti dwar l-istituzzjonijiet u l-politiki tal-UE**. Stabbiliet netwerk ta' esperti fil-komunikazzjoni b'portal online li jipprovdi materjal ta' informazzjoni interattiv dwar il-politiki tal-UE u l-isfida tad-diżinformazzjoni u l-impatt tagħha fuq is-soċjetà. Nediet ukoll serje ta' kampanji tal-midja soċjali li jiffokaw fuq l-indirizzar tad-diżinformazzjoni[39], f'kollaborazzjoni mal-Parlament Ewropew u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

## V. IMPLIMENTAZZJONI TA' FAJLS PRIJORITARJI OĦRAJN DWAR IS-SIGURTÀ

### 1. *Implimentazzjoni ta' miżuri leġislattivi fl-Unjoni tas-Sigurtà*

Miżuri miftiehma fl-Unjoni tas-Sigurtà se jġibu magħhom benefiċċji għas-sigurtà sħaħ biss jekk l-Istati Membri kollha jiżguraw l-implimentazzjoni rapida u sħiħa tagħhom. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni qiegħda attivament tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE, anki permezz ta' finanzjament u permezz tal-iffaċilitar tal-iskambju tal-aħjar prattiki. Il-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mis-setgħat tagħha skont it-Trattati għall-eżekuzzjoni tal-liġi tal-UE, inkluż l-azzjoni għal ksur kif xieraq.

L-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-**Direttiva tal-UE dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri**[40] għaddiet fil-25 ta' Mejju 2018. Sa llum, 25-il Stat Membru nnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa[41], u dan jirrappreżenta progress sinjifikanti minn Lulju 2018 meta l-

38 www.euvsdisinfo.eu
39 https://europa.eu/euprotects/
40 Id-Direttiva (UE) 2016/681 (27.4.2016). Id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
41 Ir-referenzi għat-tlestija tan-notifika tat-traspożizzjoni sħiħa jqisu d-dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri u huma mingħajr preġudizzju għall-kontroll tat-traspożizzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni (is-sitwazzjoni attwali fis-17.10.2019).

Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra 14-il Stat Membru[42]. Żewġ Stati Membri għad iridu jinnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa, minkejja l-proċeduri ta' ksur li għaddejjin li tnedew fid-19 ta' Lulju 2018[43]. B'mod parallel, il-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-Istati Membri kollha fl-isforzi tagħhom biex ilestu l-iżvilupp tas-sistemi tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri tagħhom, inkluż billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki.

L-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-**Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu**[44] għalqet fit-8 ta' Settembru 2018. Sa llum, 22-il Stat Membru nnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa, u dan jirrappreżenta progress sinjifikanti minn Novembru 2018 meta l-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra 16-il Stat Membru[45]. Tliet Stati Membri għad iridu jinnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa, minkejja l-proċeduri ta' ksur li għaddejjin[46]. Fil-25 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni bagħtet opinjonijiet motivati lil żewġ Stati Membri talli naqsu milli jinnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva[47]. Bi tweġiba, iż-żewġ Stati Membri ħabbru li l-ħidma leġislattiva se titlesta qabel tmiem din is-sena.

L-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-**Direttiva dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi**[48] għalqet fl-14 ta' Settembru 2018. Sa llum, 13-il Stat Membru nnotifikaw it-traspożizzjoni kollha. Ħmistax-il Stati Membri għad iridu jinnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa, minkejja l-proċeduri ta' ksur li għaddejjin li tnedew fit-22 ta' Novembru 2018[49]. Fil-25 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni bagħtet opinjonijiet motivati lil 20-il Stat Membru talli naqsu milli jinnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva. Bi tweġiba, ħames Stati Membri nnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva[50].

L-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-**Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi fir-rigward tal-Protezzjoni tad-*Data***[51] għaddiet fis-6 ta' Mejju 2018. Sa llum, 25-il Stat Membru nnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa, u dan jirrappreżenta progress sinjifikanti minn Lulju 2018 meta l-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra 19-il Stat Membru[52]. Tliet Stati Membri għad iridu jinnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa, minkejja l-proċeduri ta' ksur li għaddejjin[53]. Fil-25 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirreferi żewġ Stati Membri[54] lill-Qorti tal-

---

42 Ara s-Sittax-il Rapport ta' Progress għal Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina (COM(2018) 690 finali, (10.10.2018)).

43 Is-Slovenja nnotifikat traspożizzjoni parzjali. Spanja ma nnotifikatx it-traspożizzjoni (is-sitwazzjoni fis-17.10.2019).

44 Id-Direttiva (UE) 2017/541 (15.3.2017). Id-Direttiva mhijiex applikabbli fir-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka.

45 Ara s-Sbatax-il Rapport ta' Progress għal Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina (COM(2018) 845 finali, (11.12.2018)).

46 Il-Greċja u l-Lussemburgu ma nnotifikawx il-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali. Il-Polonja nnotifikat miżuri nazzjonali li jammontaw għal traspożizzjoni parzjali (is-sitwazzjoni attwali fis-17.10.2019).

47 Il-Greċja u l-Lussemburgu.

48 Id-Direttiva (UE) 2017/853 (17.10.2019).

49 Il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Polonja, l-Iżvezja, is-Slovakkja, ir-Renju Unit innotifikaw miżuri ta' traspożizzjoni għal parti mid-dispożizzjonijiet il-ġodda. Ċipru, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovenja ma nnotifikaw l-ebda miżura ta' traspożizzjoni (is-sitwazzjoni attwali fis-17.10.2019).

50 Il-Finlandja, l-Irlanda, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Portugall (is-sitwazzjoni attwali fis-17.10.2019).

51 Id-Direttiva (UE) 2016/680 (27.4.2016).

52 Ara s-Sittax-il Rapport ta' Progress għal Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina (COM(2018) 690 finali, (10.10.2018)).

53 Is-Slovenja nnotifikat traspożizzjoni parzjali. Spanja ma nnotifikatx it-traspożizzjoni. Għalkemm il-Ġermanja nnotifikat traspożizzjoni sħiħa, il-Kummissjoni tqis li din it-traspożizzjoni mhijiex kompluta (is-sitwazzjoni fis-17.10.2019).

54 Il-Greċja u Spanja.

Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minħabba n-nuqqas ta’ traspożizzjoni tad-Direttiva u bagħtet ittra ta' intimazzjoni lil Stat Membru wieħed[55] peress li naqas milli jittrasponi b’mod sħiħ id-Direttiva[56].

Il-Kummissjoni qed tivvaluta t-traspożizzjoni tar-**Raba' Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus**[57], filwaqt li qed taħdem ukoll biex tivverifika li r-regoli jiġu implimentati mill-Istati Membri. Kellhom jittrasponu d-Direttiva fil-liġi nazzjonali sas-26 ta’ Ġunju 2018. Il-Kummissjoni għadha għaddejja bi proċeduri ta’ ksur kontra 21 Stat Membru billi vvalutat li l-komunikazzjoni li rċeviet mingħand l-Istati Membri ma tirrappreżentax traspożizzjoni sħiħa ta’ din id-Direttiva.[58]

Il-Kummissjoni vvalutat il-konformità tat-traspożizzjoni tad-**direttivi relatati maċ-ċiberkriminalità**. F’Lulju u f’Ottubru 2019 nediet proċeduri ta’ ksur kontra 23 Stat Membru[59] peress li qieset li l-leġislazzjoni ta’ implimentazzjoni nazzjonali nnotifikata minn dawk l-Istati Membri ma kinitx tirrappreżenta traspożizzjoni korretta tad-**Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal**[60]. F’Lulju u f’Ottubru 2019 il-Kummissjoni nediet bl-istess mod proċeduri ta’ ksur kontra erba’ Stati Membri[61] peress li qieset li l-leġislazzjoni ta’ implimentazzjoni nazzjonali nnotifikata minn dawk l-Istati Membri ma kinitx tirrappreżenta traspożizzjoni korretta tad-**Direttiva dwar l-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni**[62].

**Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri, b’mod urġenti, biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jittrasponu b’mod intier id-Direttivi li ġejjin fil-liġi nazzjonali u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni:**

- id-**Direttiva tal-UE dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri**, fejn Stat Membru wieħed għad irid jinnotifika t-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u Stat Membru ieħor għad jeħtieġ ilesti n-notifika tat-traspożizzjoni[63];
- id-**Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu**, żewġ Stati Membri għad iridu jinnotifikaw it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u Stat Membru wieħed għad irid ilesti n-notifika tat-traspożizzjoni[64];
- id-**Direttiva dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess tal-armi**, fejn tmien Stati Membri għad iridu jinnotifikaw it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u seba’ Stati Membri għad iridu jlestu n-notifika tat-traspożizzjoni[65];

---

55 Il-Ġermanja.
56 Il-Greċja nnotifikat traspożizzjoni sħiħa li l-Kummissjoni qed tevalwa.
57 Id-Direttiva (UE) 2015/849 (20.5.2015).
58 Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit (is-sitwazzjoni fis-17.10.2019.). Qabel, kienu ingħalqu 7 proċeduri ta’ ksur relatati mad-Direttiva.
59 il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Ġreċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Isvezja
60 Id-Direttiva 2011/93 (13.12.2011).
61 Il-Bulgarija, l-Italja, il-Portugall u s-Slovenja.
62 Id-Direttiva 2013/40 (12.08.2013).
63 Is-Slovenja nnotifikat traspożizzjoni parzjali. Spanja ma nnotifikatx it-traspożizzjoni (is-sitwazzjoni fis-17.10.2019).
64 Il-Greċja u l-Lussemburgu ma nnotifikawx it-traspożizzjoni. Il-Polonja nnotifikat traspożizzjoni parzjali (is-sitwazzjoni attwali fis-17.10.2019).

- id-**Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Protezzjoni tad-*Data***, fejn Stat Membru għad irid jinnotifika t-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u żewġ Stati Membri għadhom jeħtieġu li jtemmu n-notifika tat-traspożizzjoni[66];
- ir-**Raba' Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus**, fejn 21 Stat Membru għad iridu jlestu n-notifika ta' traspożizzjoni[67];
- id-**Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal**, fejn proċeduri ta' ksur għal traspożizzjoni inkorretta tnedew kontra 23 Stat Membru[68];
- id-**Direttiva dwar l-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni**, fejn proċeduri ta' ksur għal traspożizzjoni inkorretta tnedew kontra erba' Stati Membri[69];

2. *Stat ta' tħejjija u protezzjoni*

Il-bini ta' reżiljenza kontra t-theddid għas-sigurtà huma parti essenzjali mill-ħidma lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina. Il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali fit-tisħiħ tal-protezzjoni ta' spazji pubbliċi, fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Ottubru 2017 u fis-Sħubija ta' Jannar 2019 dwar is-Sigurtà fi Spazji Pubbliċi skont l-Aġenda Urbana għall-UE. Din il-ħidma tinvolvi dawk il-bliet li avviċinaw il-Kummissjoni u talbu appoġġ fl-indirizzar tal-isfidi li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom biex jipproteġu l-ispazji pubbliċi.

L-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-awtoritajiet lokali u ma' operaturi privati huwa essenzjali għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-ispazji pubbliċi. Dan kien fil-qalba tal-**Ġimgħa Ewropea tas-Sigurtà** f'Nizza, fi Franza, mill-14 sat-18 ta' Ottubru 2019, organizzata mill-proġett iffinanzjat mill-UE "Protect Allied Cities against Terrorism in Securing Urban Areas". Billi laqqa' flimkien 500 parteċipant minn bliet madwar l-Ewropa kollha, mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-istituzzjonijiet ta' riċerka, l-avveniment enfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mal-partijiet interessati kollha involuti, kemm pubbliċi kif ukoll privati, u r-rwol ta' teknoloġiji ġodda fi protezzjoni aħjar tal-bliet. Il-protezzjoni ta' spazji pubbliċi dehret ukoll fil-**Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet fi Brussell** mis-7 sal-10 ta' Ottubru 2019, b'sessjoni ta' ħidma dwar l-Aġenda Urbana għas-Sħubija tal-UE għas-Sigurtà fl-Ispazji Pubbliċi. Din kienet iffokata fuq ir-rwol tal-awtoritajiet lokali fil-qasam tal-politika tas-sigurtà, ir-regolamentazzjoni u l-finanzjament tal-UE biex jiġu ffaċċjati l-isfidi tas-sigurtà ewlenin bħall-innovazzjoni permezz ta' soluzzjonijiet u teknoloġiji intelliġenti, inkluż il-kunċett ta' sigurtà permezz tat-tfassil, il-prevenzjoni u l-inklużjoni soċjali. Il-Kummissjoni qed tikkontribwixxi wkoll biex trawwem l-innovazzjoni tal-bliet f'dawn l-oqsma permezz tal-aħħar sejħa li għamlet għal proposti tal-Azzjonijiet Innovattivi Urbani, li r-riżultati tagħhom tħabbru f'Awwissu 2019. Fost il-proġetti magħżula, tliet ibliet (Piraeus fil-Greċja, Tampere

[65] Il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Polonja, l-Iżvezja, is-Slovakkja, ir-Renju Unit innotifikaw miżuri ta' traspożizzjoni għal parti mid-dispożizzjonijiet il-ġodda. Ċipru, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovenja ma nnotifikaw l-ebda miżura ta' traspożizzjoni (is-sitwazzjoni attwali fis-17.10.2019).

[66] Is-Slovenja nnotifikat traspożizzjoni parzjali. Spanja ma nnotifikatx it-traspożizzjoni. Għalkemm il-Ġermanja nnotifikat traspożizzjoni sħiħa, il-Kummissjoni tqis li din it-traspożizzjoni mhijiex kompluta (is-sitwazzjoni fis-17.10.2019).

[67] Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit (is-sitwazzjoni attwali fis-17.10.2019).

[68] il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja

[69] Il-Bulgarija, l-Italja, il-Portugall u s-Slovenja.

fil-Finlandja u Turin fl-Italja) se jittestjaw soluzzjonijiet ġodda dwar kwistjonijiet ta' sigurtà urbana[70].

Biex **tipproteġi aħjar il-postijiet ta' qima** u biex tesplora l-ħtiġijiet ta' gruppi reliġjużi differenti, fis-7 ta' Ottubru 2019 il-Kummissjoni organizzat laqgħa ma' rappreżentanti tal-komunitajiet tal-Lhud, il-Musulmani, il-Kristjani u l-Buddisti. Parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE tal-2017 biex tiġi appoġġata l-protezzjoni ta' spazji pubbliċi, il-laqgħa indikat li l-għarfien tas-sigurtà u l-istat ta' tħejjija jvarjaw b'mod sinifikanti bejn komunitajiet reliġjużi differenti, b'enfasi fuq l-importanza ta' aktar skambju ta' prattiki tajba. Il-laqgħa wriet ukoll li l-introduzzjoni ta' miżuri bażiċi ta' sigurtà u għarfien aħjar tas-sigurtà mhumiex inkompatibbli maż-żamma tal-karattru miftuħ u aċċessibbli tal-postijiet ta' qima. Il-Kummissjoni se tiġbor prattiki tajba u materjal ta' sensibilizzazzjoni dwar il-pjattaforma ta' esperti elettronika tagħha u tressaq il-kwistjoni għall-attenzjoni tal-awtoritajiet tas-sigurtà tal-Istati Membri fil-forum pubbliku-privat għall-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi.

Qasam speċifiku li jeħtieġ iktar attenzjoni hija t-theddida dejjem akbar tad-**droni** għas-sigurtà tal-infrastruttura kritika u l-ispazji pubbliċi. Filwaqt li tikkumplementa l-leġislazzjoni riċenti tal-UE[71] dwar operazzjonijiet ta' droni sikuri fi spazju tal-ajru bl-ekwipaġġ, u mingħajr ma ddgħajjef l-opportunitajiet għall-użu benefiċjali ta' droni, il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fit-traċċar tax-xejriet fl-użu malizzjuż tad-droni, il-finanzjament ta' riċerka rilevanti u fil-faċilitazzjoni tal-ittestjar ta' kontromiżuri. L-iskambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki huma kruċjali, kif muri fil-konferenza internazzjonali ta' livell għoli dwar il-ġlieda kontra t-theddid impost minn sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord fi Brussell fis-17 ta' Ottubru 2019. Dan l-avveniment, organizzat mill-Kummissjoni, laqqa' flimkien 250 parteċipant mill-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali, sħab ta' pajjiżi terzi, l-industrija, l-akkademja u s-soċjetà ċivili biex jiddiskutu l-isfidi tas-sigurtà imposti mid-droni u modi kif jiġu indirizzati. Il-laqgħa wriet il-ħtieġa għal valutazzjonijiet regolari tar-riskju relatati mad-droni u għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-avjazzjoni u tal-infurzar tal-liġi fl-iżvilupp ulterjuri tal-leġislazzjoni Ewropea dwar operazzjonijiet sikuri ta' droni. Hemm ukoll ħtieġa għal aktar ittestjar ta' kontromiżuri kontra d-droni permezz ta' approċċ Ewropew ikkoordinat. Barra minn hekk, kien hemm qbil li biex id-droni jkun sikuri, affidabbli fil-livell operattiv u diffiċli biex jintużaw għal skopijiet malizzjużi, huwa essenzjali li jkun hemm involviment mill-qrib bejn l-awtoritajiet u l-industrija.

## 3. *Id-dimensjoni esterna*

Peress li ħafna mir-riskji ta' sigurtà li qed tiffaċċja l-Unjoni jmorru lil hinn mill-fruntieri tal-UE u jirrappreżentaw theddid globali, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab, l-organizzazzjonijiet u partijiet interessati rilevanti għandha rwol vitali fil-bini ta' Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina.

L-iskambju ta' informazzjoni huwa ċentrali għal din il-kooperazzjoni. Flimkien ma' dan ir-rapport, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni lill-Kunsill għal awtorizzazzjoni għat-tnedija ta' negozjati għal **ftehim bejn l-UE u New Zealand dwar l-iskambju ta'** ***data*** **personali bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand fil-ġlieda kontra l-**

[70] L-Azzjonijiet Innovattivi Urbani huma strument ikkofinanzjat mill-Iżvilupp Reġjonali Ewropew. Għal aktar tagħrif ara: https://www.uia-initiative.eu/en/call-proposals/4th-call-proposals.

[71] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/947 tal-24 ta' Mejju 2019 dwar ir-regoli u l-proċeduri għall-operazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord.

**kriminalità serja u t-terroriżmu**. Ftehim bħal dan se jsaħħaħ iktar il-kapaċitajiet tal-Europol li tinvolvi ruħha man-New Zealand għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol. Filwaqt li l-arranġament ta' ħidma ta' April 2019 bejn l-Europol u l-Pulizija ta' New Zealand jipprovdi qafas għal kooperazzjoni strutturata fil-livell ta' strateġija strutturata, dan ma jipprovdix bażi ġuridika għall-iskambju ta' *data* personali. L-iskambju ta' *data* personali b'rispett sħiħ tad-dritt tal-UE u d-drittijiet fundamentali huwa essenzjali għall-kooperazzjoni operattiva effettiva tal-pulizija. Qabel, il-Kummissjoni kienet identifikat tmien pajjiżi prijoritarji fir-Reġjun tal-Lvant Nofsani/l-Afrika ta' Fuq abbażi tat-theddida terroristika, l-isfidi relatati mal-migrazzjoni u l-ħtiġijiet operattivi tal-Europol biex jinbdew in-negozjati.[72] Filwaqt li tieħu kont tal-ħtiġijiet operattivi tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi madwar l-UE, u l-benefiċċji potenzjali ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib f'dan il-qasam kif muri wkoll mis-segwitu għall-attakk ta' Christchurch f'Marzu 2019, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li żżid lil New Zealand bħala pajjiż ta' prijorità biex jinbdew in-negozjati f'qasir żmien.

Punt fundamentali ieħor tal-kooperazzjoni tas-sigurtà tal-Unjoni ma' sħab minn pajjiżi terzi huwa t-trasferiment ta' ***data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri**. Fis-27 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni lill-Kunsill biex tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn **l-UE u l-Ġappun** dwar it-trasferiment ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri sabiex tipprevjeni u tiġġieled it-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali serja b'rispett sħiħ tas-salvagwardji għall-protezzjoni tad-*data* u d-drittijiet fundamentali[73]. Ir-rakkomandazzjoni qed tiġi eżaminata fil-livell tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill u l-Kummissjoni tappella lill-Kunsill biex jadotta malajr mandat għal negozjati mal-Ġappun. Jinkisbu dividendi fejn tidħol is-sigurtà reali jekk ikun hemm arranġamenti fis-seħħ qabel il-Logħob Olimpiku tal-2020.

Fuq livell dinji, il-Kummissjoni tappoġġa l-ħidma mwettqa mill-**Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali** biex jiġi stabbilit standard għall-ipproċessar tad-*data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri. Dan iwieġeb għal talba mir-Riżoluzzjoni 2396 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li tħeġġeġ lill-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti biex jiżviluppaw il-kapaċità li jiġbru, jipproċessaw u janalizzaw id-*data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri. Fit-13 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat proposta[74] għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-istandards u l-prattiki rakkomandati dwar id-*data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri. Il-proposta qed tiġi eżaminata fil-livell tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill u l-Kummissjoni tappella għal adozzjoni rapida tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Il-pożizzjoni tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ġiet stabbilita wkoll f'dokument ta' informazzjoni dwar "Standards u prinċipji dwar il-ġbir, l-użu, l-ipproċessar u l-protezzjoni tad-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri" li ġie ppreżentat fl-40 Sessjoni tal-Assemblea tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili.

Fir-rigward tal-ħidma lejn ftehim ġdid ta' reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri mal-**Kanada**, il-Kummissjoni tfittex li l-ftehim jiġi ffinalizzat malajr. Sadanittant, dan is-sajf tnedew ir-rieżami konġunt u l-evalwazzjoni konġunta kkombinati u l-evalwazzjoni konġunta tal-ftehim

---

[72] Ara l-Ħdax-il Rapport ta' Progress għal Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina (COM(2017) 608 finali, (18.10.2017)). Il-pajjiżi ta' prijorità huma l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Lebanon, il-Marokk, it-Tuneżija u t-Turkija.

[73] COM(2019) 420 finali (27.9.2019).

[74] COM(2019) 416 finali (13.9.2019).

tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri mal-**Awstralja** kif ukoll l-evalwazzjoni konġunta tal-ftehim tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri mal-**Istati Uniti**, li bdew bi żjarat f'Canberra u f'Washington f'Awwissu u f'Settembru 2019 rispettivament. Il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern f'sessjoni fil-magħluq fl-14 ta' Ottubru 2019 dwar is-sitwazzjoni attwali tal-ħidma mal-Ġappun, l-Awstralja u l-Kanada dwar id-*data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri.

Sar ukoll progress fil-kooperazzjoni dwar is-sigurtà mas-sħab tal-**Balkani tal-Punent**, li timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent ta' Ottubru 2018. Fid-9 ta' Ottubru, il-Kummissjoni ffirmat żewġ arranġamenti bilaterali mhux vinkolanti kontra t-terroriżmu mal-Albanija u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq[75]. Dawn l-arranġamenti jistabbilixxu azzjonijiet ta' prijorità mfassla apposta li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet tal-pajjiż sħab rispettiv, li jkopru l-ħames għanijiet tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt[76] u li jindikaw l-appoġġ li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tipprovdi. Arranġamenti simili mal-bqija tas-sħab tal-Balkani tal-Punent mistennija jiġu ffirmati fil-ġimgħat li ġejjin. Barra minn hekk, fis-7 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni ffirmat ftehim mal-Montenegro dwar il-kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-fruntieri bejn il-Montenegro u l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA). Dan il-ftehim jippermetti lill-Aġenzija tassisti lill-Montenegro fil-ġestjoni tal-fruntieri bil-għan li tindirizza l-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità transfruntiera, u b'hekk issaħħaħ is-sigurtà fil-fruntiera esterna tal-UE.

**Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab fl-indirizzar ta' theddidiet ta' sigurtà komuni, il-Kummissjoni tappella lill-Kunsill:**

- biex jadotta l-awtorizzazzjoni għat-tnedija ta' negozjati għal ftehim bejn l-UE u **New Zealand** dwar l-iskambju ta' *data* personali fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu.
- biex jadotta l-awtorizzazzjoni għat-tnedija ta' negozjati għal ftehim bejn l-UE u l-**Ġappun** dwar it-trasferiment ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri;
- biex jadotta d-**Deċiżjoni proposta tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali** fir-rigward tal-istandards u l-prattiki rakkomandati dwar id-*data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri.

## VI. KONKLUŻJONI

Dan ir-rapport jistabbilixxi l-firxa wiesgħa ta' miżuri li l-UE qed tieħu biex tindirizza t-theddid komuni fl-Ewropa u ssaħħaħ is-sigurtà kollettiva tagħna. Bis-saħħa ta' fehim komuni li l-isfidi tas-sigurtà effettiva u ġenwina jiġu indirizzati l-aħjar billi naħdmu flimkien u ma' pajjiżi terzi, il-progress li sar lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina huwa r-riżultat ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn firxa wiesgħa ta' atturi, li bnew fiduċja, qasmu r-riżorsi u indirizzaw it-theddidiet flimkien: fil-livelli kollha tal-gvern, minn bliet u atturi lokali oħra, reġjuni u awtoritajiet nazzjonali sal-livell tal-UE bil-Parlament Ewropew u l-Kunsill; bl-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi, l-aġenziji tal-UE, atturi privati u s-soċjetà ċivili; u bl-użu ta' għarfien espert, għodod u riżorsi fl-oqsma kollha ta' politika, bħall-politika tat-trasport, is-

75 https://ec.europa.eu/home-affairs/news/news/20191009_security-union-implementing-counter-terrorism-arrangements-albania-north-macedonia_en

76 Il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt jipprevedi azzjonijiet madwar il-ħames objettivi li ġejjin: qafas b'saħħtu għall-ġlieda kontra t-terroriżmu; il-prevenzjoni effettiva u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti; l-iskambju ta' informazzjoni effettiv u kooperazzjoni operattiva; il-bini ta' kapaċità għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu; it-tisħiħ tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-infrastruttura.

suq uniku diġitali jew il-politika ta' koeżjoni. B'hekk, il-ħidma fl-Unjoni tas-Sigurtà hija integrata fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, is-salvagwardja u l-promozzjoni tal-valuri tagħna.

Il-ħidma lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina għandha tkompli. Hemm ħtieġa għal qbil rapidu dwar inizjattivi pendenti importanti, b'mod partikolari: (1) il-proposta leġislattiva dwar it-tneħħija ta' kontenut terroristiku online, (2) il-proposta leġislattiva biex jitjieb l-aċċess tal-infurzar tal-liġi għal evidenza elettronika, (3) il-proposta leġislattiva li tistabbilixxi Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà, u (4) il-proposti leġislattivi pendenti dwar sistemi ta' informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-ġestjoni tas-sigurtà, il-fruntieri u tal-migrazzjoni. Il-miżuri u l-istrumenti miftiehma jridu jinbidlu f'realtà operattiva fil-prattika, b'implimentazzjoni f'waqtha u sħiħa tal-leġislazzjoni tal-UE mill-Istati Membri kollha biex jinkisbu l-benefiċċji kollha tagħha għas-sigurtà. B'mod partikolari, huwa essenzjali li l-Istati Membri kollha jimplimentaw il-leġislazzjoni miftiehma reċentement dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni sabiex jinkiseb l-objettiv ambizzjuż li tinkiseb interoperabbiltà sħiħa sal-2020. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li l-Ewropa tibqa' attenta fir-rigward tat-theddid emerġenti u li qed jinbidel, u tibqa' taħdem biex ittejjeb is-sigurtà taċ-ċittadini kollha.